MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 84/2006

**Il-Pulizija
Vs**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer mit-18 ta' Settembru, 2003 sal-31 ta' Dicembru, 2005, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, naqas milli jaghti lil martu Doris Micallef is-somma stipulata fil-kuntratt ta' separazzjoni personali bhala manteniment ghaliha fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond dak il-kuntratt kellha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Marzu, 2006, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal terminu ta’ detenzjoni ghal zmien xahar (1).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta’ Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe’ li s-sentenza appellata hija nulla ghaliex fiha ma gewx osservati d–dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 382 tal-Kap.9, Subordinatament l-appellant issottometta li hu hallas il-manteniment regolarment lill-kwerelanti, avolja hi mhix fil-bzonn. Izda minhabba li hu rtirat mill-”job”, li kellu, wara li sofra attakk tal-qalb, waqfitlu l-paga li kien qed jaqbad u gie f’ pozizzjoni li ma setax ikompli jhallasha. Il-klawsola fil-kuntratt ta’ separazzjoni li fuqha hu bazat il-manteniment kienet maghmula dipendenti fuq l-impieg tieghu. Issa li l-appellant ghandu biss pensjoni tal-invalidita’, l-klawsola tilfet il-validita’ taghha w ma baqghetx esegwibbli skond il-ligi. F’ dan l-kaz ukoll tonqos il-volontarjeta’ tal-appellant. Illi l-appellant qed jitlob l-annullament taz-zwieg u li jigi ezonerat mill-obbligu tal-manteniment f’ kawza quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) li ggib in-numru Citaz. 234/04NC. L-appellant diga’ kien gie liberat minn akkuza simili b’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-21 ta’ April, 2005, li kienet tirriferi ghaz-zmien minn Dicembru, 2002 sa Settembru, 2003, li fih l-appellant kien hallas regolarment u ghalhekk hemm in-“*ne bis in idem”.* Akkuza ohra ghaz-zmien bejn Jannar 2005 u April, 2005 kif ukoll fis-snin ta’ qabel kienet giet irtirata fl-4 t’ Ottubru, 2005.Ghalhekk ma setghetx issir kwerela mill-gdid fuq l-istess att li ghalih kienet tirriferi il-kwerela precedenti. Subordinatament il-kontravvenzjoni imputata ma tikkostitwix reat kontinwat ghax dan mhux kaz ta’ att imma ta’ ommissjoni. Inoltre l-process huwa null ghaliex ebda kwerela ma giet esebita fil-process.

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2006, li bih il-parte civile u Dr. Robert Abela li kien qed jassistiha ddikjaraw li fil-mori tal-appell kienet thallset mill-appellant is-somma ta' LM2714 li tkopri l-periodu mit-18 ta' Settembru, 2003 sal-31 ta' Dicembru, 2005. pero' li l-partiti li setghu kienu dovuti ghall-periodi precedenti w sussegwentement ghal dan iz-zmien ghadhom qed jigu kontestati.**

**Rat id-Digriet taghha tal-istes data li bih din il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni mhux opposta biex minnflok il-kliem *"Qorti tal-Familja"* fl-ewwel linja tar-rikors tal-appell, jidhlu l-kliem: *"Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali".***

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-ewwel aggravju li s-sentenza appellata hija nulla huwa manifestament infondat ghaliex fis-sentenza appellata (fols.16 u 17), kuntrarjament ghal dak li jallega l-appellant, hemm id-dikjarazzjoni ta' htija, jissemma l-artikolu li tahtu nstabet htija u hemm il-kundanna w l-piena w ghalhekk ir-rekwiziti kollha kontemplati fl-artikolu 382 huma kollha prezenti fis-sentenza appellata. Di fatti s-sentenza tghid testwalent hekk : *"Wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta,…din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Joseph Micallef hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-terminu ta' detenzjoni ghal zmien xahar (1)".* Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.**

**Illi l-aggravji l-ohra u cioe' li l-appellant tilef il-"job" u irtira u ma baqax jircevi l-paga u li ghandu kawza pendenti ghall-annullament u fejn qed jitlob li jigi**

**ezonerat mil-obbligu tieghu tal-manteniment ukoll ma jidhrux fondati fid-dawl tal-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti. Jekk tbiddlu l-kondizzjonijiet finanzjarji tal-appellant imissu adixxa l-Qorti kompetenti minnufieh b' rikors bl-urgenza fejn jitlob li jigi rivedut l-obbligu tieghu tal-hlas tal-manteniment minnu assunt bil-kuntratt ta' separazzjoni. Izda sakemm dak l-obbligu jigi mibdul b' digriet jew sentenza tal-Qorti kompetenti, n-nuqqas tal-hlas entro hmistax il-jum mid-data ta' kull skadenza ta' manteniment jibqa' imputabbli kriminalment bhala reat ta' natura kontravvenzjonali.**

**Kif gie ritenut minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Alfred Camilleri" **[18.9.2002] meta ccitat b' approvazzjponi sentenza ohra tal-istess Qorti diversament preseduta, (Appell Krim.** Pul. vs. Anthony Saliba**; [15.7.1998] ),** ***"…il-fatt li persuna tisfa' bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili , obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali li tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas inqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skond l-ewwel Digriet .***

***Fi kliem iehor sakemm ikun ghadu vigenti digriet tas-Sekond' Awla jew Digriet jew sentenza tal-Prim' Awla jew tal-Qorti tal-Appell, li jordna l-hlas ta' manteniment, din il-Qorti ma tistax hlief issib u tikkonfermha htija, fejn l-appellant ikun naqas li jottempera ruhu ma tali digriet jew sentenza, tkun xi tkun ir-raguni, jew pretest biex jaghmel dan. Altrimenti,din il-Qorti, minn flok Qorti ta' Appell Kriminali, tispicca tirriduci ruha f'wahda ta' revizjoni dwar l-effikacja u r-ragonevolezza ta' Digrieti jew sentenzi tal-Prim' Awla u tal-Qorti tal-Appell u Digrieti***

***tas-Sekond' Awla, mansjoni li zgur li ma taqax taht il-kompetenza taghha."***

**Il-Qorti taghmel ukoll riferenza ghas-sentenza moghtija fl-appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Mario Borg" **(App. Krim. Nru. 166/03) deciz minn din il-Qorti preseduta mis-Sinjorija Tieghu, l-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano fit-23 ta' Dicembru, 2003 u ghall-principji ta' dritt fiha enuncjati**

**Illi s' intendi dan kollu japplika wkoll meta l-obbligu tal-manteniment ikun jiskaturixxi minn klawsola kontenuta f' kuntratt ta' separazzjoni bhal ma hu l-kaz f' din l-istanza, ghaliex il-Qrati ta' kompetenza kriminali mhumiex il-forum fejn jista' jigi dibattut u deciz kemm ghandu jkun il-manteniment xieraq meta jimbidlu c-cirkostanzi tal-partijiet wara xi kuntratt ta' separazzjoni.**

**Illi l-fatt li l-appellant fetah kawza biex jannulla z-zwieg tieghu anki jekk bit-talba sussidjarja biex hu jigi ezonerat mill-obbligi tieghu ta' manteniment, bl-ebda mod ma jissodisfa dak li suppost kellu jaghmel biex jehles mill-obbligu tieghu b' mod li jista' jibbenifikah ghal din il-kawza. Ibda biex hu risaput li kawza ghall-annullament ta' zwieg hija mistennija li tiehu certu zmien u ferm u ferm aktar minn kawza li fiha jintalab kambjament fir-rata tal-alimenti minnhabba kambjament fic-cirkjostanzi. Umbaghad anki f' kaz ta' ezitu favorevoli dwar it-talba principali, l-Qorti tista' tezonera lill-parti li ma jkollhiex htija mill-effetti ta' zwieg validu, ergo l-hlas ta' alimenti lill-konjugi fl-annullament, b' effett mid-data meta is-sentenza tal-annullament issir res judicata. (Art. 20 (1) Kap.255) u mhux retroattivament. Kjarament jekk l-appellant ried jottjeni sentenza biex ivarja l-obbligi tieghu kontrattwali assunti bil-kuntratt tas-separazzjoni, kellu jaghzel triq procedurali ohra u mhux dik tal-kawza tal-annullament.**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju li ladarba l-kontravvenzjoni imputata hija biss prosegwibbli bil-**

**kwerela tal-parti allegatament leza, l-procediment huwa null ghaliex ebda kwerela ma giet esebita fil-process, dan ukoll huwa aggravju infondat. L-appellant gie akkuzat b' kontravvenzjoni li taqa' taht is-Sub-titolu I tat-Titolu I tat-Taqsima III u cioe' ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku u ma hemmx ghalfejn li jkun hemm il-kwerela tal-parti biex jimbdew il-proceduri kriminali li ttiehdu. Bizzejjed ir-rapport jew denunzja lill-Pulizija, biex din tagixxi *ex officio*. Certament li din il-kontravvenzjoni mhix wahda minn dawk ir-reati fejn il-ligi Kriminali trid il-kwerela tal-parti leza. (eg. art. 544, 255, 221 (4) ecc,).**

**Illi ghar-rigward tal-aggravju li l-appellant gja gie liberat fuq akkuza simili b' sentenza tal-21 t' April, 2005, din kienet kawza fejn si trattava ta' periodu differenti fejn ma thallsux l-alimenti w ghalhekk ma taghmel ebda stat f' din il-kawza. Di fatti f'dik il-kawza il-periodu kien dak bejn Dicembru, 2002 sa Settembru, 2003, mentri hawn l-imputazzjoni tkopri l-periodu mill-18 ta' Settembru, 2003 sal-31 ta' Dicembru, 2005, u cioe' l-periodu li kien isegwi dak fic-citazzjoni w proceduri l-ohra precedenti.**

**Illi l-aggravju li ma kienx hemm il-volontarjeta' fil-kommissjoni ta' din is-serje ta' kontravvenzjonijiet lanqas hu wiehed fondat. Jidher car li ma kienx impossibbli ghall-appellant li jhallas l-ammont minnu dovut. Fil-fatt issa fil-mori tal-appell, ghax ovvjament ra li kien qed jirriskja sentenza ta' xahar detenzjoni, sab il-mezz kif jissalda l-ammont minnu dovut. Bl-istess mod, kieku ried, seta' ukoll sab il-mezzi a tempo debito biex effettwa dan il-hlas puntwalment. Izda jidher li ghazel xort' ohra sakemm gab il-kwistjoni fit-tarf taghha bis-sentenza appellata li issa qed jipprova jevita l-konsegwenzi taghha, ovvjament bil-hlas li sar fil-mori ta' dan l-appell.**

**Illi lanqas ma hu fondat l-aggravju li ghax hawn si tratta ta' ommissjoni, allura ma jistax jikkonfigura ir-reat kontinwat li tieghu instab hati l-appellant. Illi imkien fil-ligi u fil-gurisprudenza nostrana ma ssir xi**

**distinzjoni bejn reat kommess b' att u reat kommess b' ommissjoni. Illi gie diversi drabi ritenut li fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet ripetuti bi ksur tal-art. 338 (z) jista' jikkonfigura ir-reat kontinwat. (Ara "**Il-Pulizija vs. John Chircop" **[3.11.2005] u ohrajn). Il-Prosekuzzjoni tista' taghzel li tagixxi separatament ghall-kull nuqqas ta' hlas ta' manteniment malli jghaddu hmistax il-jum minn kull skadenza rispettiva b' daqstant citazzjonijiet separati, pero' ma hemm xejn xi zzommha milli tikkombina diversi nuqqasijiet ta' hlas ta' diversi skadenzi f' akkuza ta' reat kontinwat (ara**. "Il-Pulizija vs. Joseph Galea**" [3.11.1995].**

**Illi anki jekk kellu jirrizulta li kienet saret kawza ohra ghall nuqqas ta' hlas ta' manteniment ghall-periodu bejn "*Jannar, 2005, u April, 2005 kif ukoll fis-snin ta' qabel"* u din giet irtirata kif hu allegat fir-rikors tal-appell, din ukoll ma tostax ghal dawn il-proceduri odjerni ghaliex dawn ikopru periodu li jmur oltre April, 2005 u di fatti jestendi sa Dicembru, 2005. Ghalhekk ghall-periodu bejn Mejju u Dicembru, 2005, li fih ovvjament kien hemm serje ta' skadenzi li ma thallsux u jidhru li thallsu biss fil-mori tal-appell, xorta wahda jikkonfigura r-reat kontinwat li qed jigi akkuzat bih l-appellant, sia pure' ghall-periodu inqas twil, li ghall-massimu, jista' forsi jkollu effett fuq il-piena u xejn aktar.**

**Ghalhekk l-aggravji kollha tal-appellant li jolqtu l-effetti procedurali jew il-mertu tal-vertenza huma infondati w qed jigu respinti .**

**Illi pero' ghal dak li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti tara li issa li, kif verbalizzat, l-appellant hallas is-somma ta' LM2714 fil-mori tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena. Dan ghaliex, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Publius Said" **[25.9.2003], din il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu w mhux biss li**

**jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament. F'dan il-kaz dan il-ghan issa ntlahaq bil-hlas fuq imsemmi w ghalhekk din il-Qorti thoss li in vista ta' dan l-izvilupp pozittiv u li intlahaq biss fl-istadju tal-appell, hemm lok ghal temperament fil-piena, kif del resto taqbel l-istess prosekuzzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif ser jintqal u cioe' billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu w billi tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-terminu ta' detenzjoni ta' xahar u, minnflok, tikkundannah ghall-ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25), li, jekk ma jithallsux il-lum stess, jigu minnufieh u awtomatikament konvertiti f' hamest (5) ijiem detenzjoni skond il-ligi. (art. 13 (1) u 14 tal-Kap.9).**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------